



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

31.1.2011

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli
għal wara l-2013 (Kumitat SURE)

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Cătălin Sorin Ivan

DT\854239MT.doc

PE456.827v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

1. Il-baġit tal-UE u l-proċedura baġitarja annwali

Il-baġit tal-UE jkopri l-infiq tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE għal sena partikolari. Huwa jiffissa d-dħul u n-nefqa, jelenka l-attivitajiet kollha li għandhom jiġu ffinanzjati u jistabbilixxi l-ammonti totali ta' flus u ta' persunal disponibbli.

L-infiq tal-UE huwa limitat bit-Trattati. Minħabba li l-baġit annwali tal-UE ma jistax ikollu defiċit, kull sena d-dħul għandu jkopri l-ispiża kollha tal-attivitajiet. Dan id-dħul ġej minn tliet sorsi ewlenin:

- id-dazji doganali,
- parti mill-bażi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) armonizzata ta' kull Stat Membru,
- kontribuzzjoni oħra mill-Istati Membri bbażata fuq id-daqs tad-dħul gross nazzjonali (DGN) tagħhom.

Il-proċedura baġitarja annwali tiddetermina d-dettalji tan-nefqa tal-UE fil-limiti ta' qafas finanzjarju multiannwali fiss. Il-pjanijiet tal-infiq annwali huma nnegożjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill saru ġenwinament koleġiżlaturi għall-baġit kollu kemm hu. Huwa previst biss qari wieħed mill-Kunsill u l-Parlament, u d-distinzjoni preċedenti bejn in-nefqa obligatorja (fil-biċċa l-kbira agrikola) u n-nefqa mhux obligatorja (kważi dak kollu li jifdal) tneħħiet.

2. Il-linji baġitarji tal-Kumitat CULT

Il-Kumitat CULT huwa responsabbli għal madwar 65 linja baġitarja, b'baġit annwali totali ta' madwar EUR 2 biljun li jirrappreżenta madwar 1.8% tal-baġit totali tal-UE. Il-biċċa l-kbira tiegħu jaqa' taħt l-intestatura 1a "Kompetittività għat-tekabbir u l-impjiegi" iżda ammonti sostanzjali huma wkoll impenjati taħt l-intestaturi 3b "Ċittadinanza" u 5 "Amministrazzjoni" tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Il-parti sostanzjali tan-nefqa tmur għas-7 programmi ta' finanzjament multiannwali. Dawn il-programmi huma elementi tat-tfassil tal-politika tal-UE viżibbli ħafna politikament, viċin iċ-ċittadini u ħafna drabi popolari ħafna (pereżempju l-azzjoni tal-Erasmus favur il-mobilità tal-istudenti, li hija parti mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja; jew l-azzjoni Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura li hija parti mill-programm Kultura 2007).

3. Il-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF - Multiannual Financial Framework)

Il-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) jistabbilixxi l-ammonti massimi ("limiti massimi") għal kull kategorija wiesgħa ta' nefqa ("intestaturi") għal perjodu ta' żmien determinat b'mod ċar. Huwa essenzjalment pjan ta' nfiq multiannwali għan-nefqa kollha tal-UE, maqbul mill-Parlament u mill-Kunsill.

Qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, l-MFFs (li qabel kienu l-“Perspettivi Finanzjarji”) kienu jiġu stabbiliti bi ftehimiet interistituzzjonali tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Billi dawn kienu essenzjalment ftehimiet politiċi, huma ma kellhomx l-istess saħħa legali bħalma għandha liġi kodeċiża. Pereżempju, l-MFF 2007–2013 attwali huwa bbażat fuq il-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006 “dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba”¹.

It-Trattat ta' Liżbona għamel l-MFFs obligatorji. Skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta regolament li jistabbilixxi l-MFF għall-perjodu ta' mill-inqas ħames snin, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament, mogħti b'maġġoranza tal-membri tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposti tagħha għall-MFF li jmiss qabel l-1 ta' Lulju 2011. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni ppubblikat *Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE* (COM(2010)700), li tispjega wħud mill-kwistjonijiet li qed jiffaċċja l-baġit tal-UE għall-qafas li jmiss u wara.

4. Il-Kumitat SURE

Il-Kumitat Speċjali għall-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013 (il-Kumitat SURE) kien stabbilit f'Lulju 2010, b'mandat ta' sena.

Il-Kumitat SURE għandu dawn ir-responsabilitajiet:

- jiddefinixxi l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament għall-MMF ta' wara l-2013, kemm f'termini leġislattivi kif ukoll dawk baġitarji;
- jagħmel stima tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex l-UE tilħaq l-oġettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2014;
- jiddefinixxi l-perjodu tal-MMF li jmiss;
- jipproponi, skont dawk il-prijoritajiet u l-oġettivi, struttura għall-MMF futur, li tindika l-oqsma ta' attività ewlenin tal-UE;
- jippreżenta linji gwida dwar allokkazzjoni indikattiva tar-riżorsi bejn u fi ħdan l-intestaturi differenti tan-nefqa tal-MMF f'konformità mal-prijoritajiet u l-istruttura proposta;
- jispeċifika r-rabta bejn riforma tas-sistema ta' finanzjament tal-baġit tal-UE u reviżjoni tan-nefqa biex jipprovdi lill-Kumitat għall-Baġits bażi tajba għan-negozjati dwar l-MFF il-ġdid.

Fi ftit kliem, il-Kumitat SURE se jħejji l-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament dwar l-MFF li jmiss. Huwa se jirrapporta lis-sessjoni plenarja f'Ġunju 2011 u se jindirizza kwistjonijiet bħat-tul, l-istruttura u l-flessibilità tal-MMF li jmiss, u l-limitu sa fejn in-nefqa tal-UE hija

¹ ĠU C 139 tal-14.6.2006.

ġġustifikata b'“valur miżjud Ewropew” dimostrabbli.

Kull kumitat permanenti ġie mistieden iħejji opinjoni ġħall-Kumitat SURE. Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapport fil-Kumitat SURE hija prevista (f'żewġ partijiet) li ssir fis-17 ta' Marzu u fis-7 ta' April u l-votazzjoni hija prevista li ssir fis-26 ta' Mejju.

a) **Struttura (u flessibilità)**

Il-Kummissjoni

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE msemmija hawn fuq tirreferi ġħall-inflessibilità eċċessiva tal-MFF attwali, minħabba li l-MFF u l-programmi mhux dejjem setgħu jirrispondu ġħall-ħtiġijiet politiċi u ġħaċ-ċirkostanzi li jinbidlu. Hija tenfasizza li “ġhandu jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-prevedibbiltà u l-miri importanti tal-flessibilità, il-kundizzjonalità, il-ħlas fuq il-bażi tar-riżultati, u kif ukoll bejn is-simplifikazzjoni u l-kontrolli meħtieġa ġħall-ġestjoni finanzjarja tajba.”

Skont il-Kummissjoni, hemm benefiċċju ovvju f'baġit li kemm bħala struttura u kemm bħala bilanċ jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Hija tipproponi żewġ ġħażliet ta' ristrutturazzjoni:

1. it-tnaqqis tan-numru ta' intestaturi minn sitta ġħal tlieta u t-tneħħija ta' sottointestaturi, jew
2. l-organizzazzjoni tal-baġit skont l-istrateġija Ewropa 2020 bi tliet intestaturi kif indikat hawn fuq, u erba' sottointestaturi.

Il-Kumitat SURE

Id-dokument ta' riflessjoni tal-Kumitat SURE dwar il-*Flessibilità fl-MFF ta' wara l-2013* (Rapporteur: Salvador Garriga Polledo) jikkummenta dwar l-ġħażliet imsemmija hawn fuq proposti mill-Kummissjoni:

1. jipprovdi żieda kbira fil-flessibilità; madankollu l-viżibilità u t-trasparenza politiċi jitnaqqsu;
2. il-Kummissjoni ġħandha tipprovdi dettalji dwar l-allokazzjoni tal-politiki differenti fis-sottointestaturi differenti tal-UE 2020, minħabba li l-flessibilità tal-MFF tiddependi ġħafna fuq il-mod kif issir din l-allokazzjoni.

Il-Kumitat CULT

ġħalissa, il-biċċa l-kbira tal-linji baġitarji tal-Kumitat CULT jaqgħu taħt sottointestaturi differenti tal-intestaturi 1a “Kompetittività ġħat-tkabbir u l-impjiegi” u 3b “Ċittadinanza” (kull Skola Ewropea – li ġħaliha l-Kumitat CULT huwa responsabbli fil-PE – ġħandha linja baġitarja ġħaliha, l-istess bħalma ġħandu l-Bord tal-Gvernaturi, fl-intestatura 5 “Amministrazzjoni”).

It-tnaqqis tal-intestaturi u tas-sottointestaturi jżid il-flessibilità u jiffaċilita r-riallokkazzjoni tal-fondi fost il-linji baġitarji. L-esperjenza tal-intestatura 3b wriet diffikultajiet li jitfaċċaw meta numru ta' programmi pjuttost żgħar jinġabru taħt sottointestatura żgħira: huwa diffiċli li jiżdied il-finanzjament għal programmi ta' suċċess jew li jiġu riallokati fondi lil hinn minn programmi li l-implimentazzjoni tagħhom kienet inqas minn dik antiċipata. Fi ftit kliem, sottointestaturi żgħar għandhom jiġu evitati.

b) Durata (u flessibilità)

Skont it-Trattat, l-MFF għandu jiġi ffissat għal mill-inqas 5 snin. L-aħħar tliet MFFs ġew konklużi għal perjodu ta' 7 snin.

Il-Kummissjoni

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tqis il-possibilitajiet ta' għażla li ġejjin:

- **5 snin** (vantaġġi: iktar ikun jista' jirrifletti l-ħtiġijiet il-ġodda; żvantaġġi: jista' jkun qasir wisq biex isiru ppjanar xieraq u bidliet profondi fil-programmi),
- **7 snin b'reviżjoni ewlenija wara ħames snin** biex tkun tista' ssir riallokkazzjoni finali mmirata speċifikament lejn l-UE 2020,
- **10 snin b'reviżjoni sostanzjali f'nofs il-perjodu (5+5)**; din l-għażla tagħti biżżejjed flessibilità għal bidliet kbar tal-prijoritajiet. Il-limiti massimi ġenerali u l-istrumenti legali ewlenin jistgħu jiġu ffissati għal 10 snin, iżda t-tqassim tar-riżorsi fl-intestaturi, u l-prijoritizzazzjoni fil-programmi u l-istrumenti jkun jistgħu jiġu evalwati mill-ġdid.

Il-Kumitat SURE

Id-dokument ta' riflessjoni tal-Kumitat SURE dwar id-durata tal-MFF ta' wara l-2013 (Rapporteur: Salvador Garriga Polledo) jeżamina l-possibilitajiet ta' għażla li ġejjin:

- **Għażla 1:** Ċiklu ta' MMF fuq 5 snin, li jibda fl-2014 immedjatament wara li jiskadi l-MFF attwali,
- **Għażla 2:** Ċiklu ta' MMF fuq 5 snin, li jibda fl-2021, li jiddaħħal b'mod gradwali wara l-MFF 2014–2020 ta' tranżizzjoni ta' 7 snin, biex tkun tista' ssir sinkronizzazzjoni organizzata mal-leġiżlatura tal-PE u l-Kummissjoni,
- **Għażla 3:** Ċiklu ta' MMF fuq 5 snin, li jibda fl-2016, wara prolungament tal-MFF attwali biex tkun tista' ssir sinkronizzazzjoni organizzata mal-leġiżlatura tal-PE u l-Kummissjoni,
- **Għażla 4:** Ċiklu ta' MMF fuq 10 snin, b'reviżjoni sostanzjali f'nofs il-perjodu, il-proposta 5+5 tal-Kummissjoni.

Huwa jargumenta wkoll li jista' jkun impossibbli li jiġu kkombinati l-ħtieġa ta' flessibilità u l-

ħtieġa ta' ċikli ta' pprogrammar itwal, u jistaqsi fost l-oħrajn kif id-durata tal-programmi multiannwali għandha tiġi sinkronizzata mad-durata tal-MMF.

Il-Kumitat CULT

Huwa kruċjali li jinstab il-bilanċ bejn il-prevedibilità u l-flessibilità sabiex ikun jista' jkun hemm kemm konsistenza u kemm prevedibilità fit-tul fl-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali u l-funzjonament bla xkiel taċ-ċiklu baġitarju. Għall-programmi kulturali u edukattivi, ċiklu qasir ħafna jista' jfixxkel l-implimentazzjoni tal-programmi filwaqt li ċiklu twil ħafna jista' jkun inflessibbli.

c) Valur miżjud Ewropew u prijoritajiet politiċi

Il-Kummissjoni

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, huwa importanti li jiġi identifikat fejn in-nefqa permezz tal-baġit tal-UE hija aktar effiċjenti mill-infiq fil-livell nazzjonali. Il-baġit tal-UE għandu jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw huma stess jew meta jkun jista' jikseb riżultati aħjar. Fi ftit kliem, għandu jwassal biex jitwettqu azzjonijiet li mingħajru ma jkunux jistgħux jitwettqu: għandu jkun ġenwinament "addizzjonali" u jipprovdi "valur miżjud Ewropew".

Il-Kumitat SURE

Fil-Kumitat SURE, id-diffikultà li jiġi kkwantifikat il-kunċett ta' valur miżjud Ewropew, il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fil-kisba tar-riżultati, il-koordinazzjoni mal-baġits nazzjonali u l-pressjoni addizzjonali fuq il-baġit tal-UE minħabba l-kompetenzi ġodda previsti fit-Trattat ta' Liżbona kienu l-qofol tad-dibattitu.

Il-Kumitat CULT

L-isfond li fih l-MFF li jmiss għandu jiġi nnegożjat huwa ddominat mill-pożizzjoni fiskali diffiċli ħafna f'maġġoranza ta' Stati Membri. Il-pjanijiet tan-nefqa nazzjonali – jew, fil-fatt, il-politiki domestiċi fl-Istati Membri b'mod ġenerali – fil-biċċa l-kbira tad-deċennju li ġej se jkunu ddominati minn żidiet fit-taxxa, tnaqqis fl-infiq u riformi tal-*welfare* mfassla biex jitnaqqsu d-defiċit pubbliku u d-dejn pubbliku għal livelli sostenibbli. Għalhekk, id-difiża tal-livelli eżistenti tan-nefqa fuq il-programmi li għalihom huwa responsabbli l-Kumitat CULT (aktar u aktar xi żieda) għandha tkun ibbażata fuq dimostrazzjoni ċara u persważiva tal-valur miżjud Ewropew tagħhom: l-Istati Membri għandhom ikunu konvinti li n-nefqa fil-livell Ewropew fil-verità tiffiranka l-flus meta mqabbla mal-istess nefqa fuq l-istess politiki fil-livell nazzjonali.

Fir-rigward tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u l-iskemi ta' mobilità tiegħu fl-edukazzjoni, speċjalment l-Erasmus, attwalment id-domanda hija ħafna ikbar mill-provvista, b'rata ta' eżekuzzjoni viċin il-100%. Għalhekk ovvjament jista' jiġi argumentat li dawn il-programmi jagħtu valur miżjud Ewropew evidenti u li jista' jitkejjel. Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li dawn il-programmi ta' mobilità għandhom jiġu estenzi u li l-

allokazzjoni tar-riżorsi tista' tkun marbuta aktar mill-qrib mal-implimentazzjoni.

Il-Kumitat għandu jikkunsidra sa fejn l-istess punt japplika għall-programmi l-oħra li għalihom huwa responsabbli fil-PE. Il-programm Midja 2007 huwa każ pjuttost differenti, minħabba li l-“prodott” tiegħu huwa t-taħriġ, il-produzzjoni u proġetti ta' distribuzzjoni. Kummenti simili japplikaw għall-programm Kultura 2007. B'kuntrast ma' dan, il-programmi Żgħażaġħ u Ċittadinanza għandhom għanijiet pjuttost differenti, li kull wieħed minnhom jinkludi nefqa sostanzjali fuq NGOs f'livell Ewropew li jtkellmu għas-setturi rispettivi tas-soċjetà ċivili.

Finalment, fl-isfond finanzjarju diffiċli li diġà ssemma u fid-dawl tal-possibilità ċara li l-MMF li jmiss jista' jirriżulta f'xejn aktar għajr f'livell ta' finanzjament stazzjonarju, huwa essenzjali li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn politiki, programmi u partijiet differenti tal-MFF. B'mod partikolari, il-Kumitat SURE għandu jenfasizza l-importanza li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn in-nefqa fuq il-politiki agrikoli u strutturali, fuq naħa, u l-proġetti relatati mat-tagħlim tul il-ħajja, maż-żgħażaġh u mal-kultura fuq in-naħa l-oħra.